Merħba! Il-Papa Franġisku jistidinna sabiex ningħaqdu flimkien u nitolbu biex iż-żgħażagħ iwieġbu b'ġenerożità għas-sejħiet tagħhom u jikkunsidraw bis-serjetà li joffru lilhom infushom lil Alla fis-saċerdozju u l-ħajja kkonsagrata.

**Qari:** *Mid-diskors ta' Papa Franġisku fil-Jum Dinji taż-Żgħażagħ f'Mejju 2015*



Meta tiltaqgħu ma' Alla fit-talb, fil-qari tal-Bibbja u fil-ħajja fraterna jgħinkom biex issiru tafu lill-Mulej u lilkom innifiskom aħjar. Bħad-dixxipli fit-triq lejn Emmaus (ara Lq 24: 13-35), il-vuċi tal-Mulej tqanqlilkom qlubkom. Huwa se jiftħilkom għajnejkom biex tagħrfu l-preżenza tiegħu u biex tiskopru l-pjan ta' mħabba li għandu għal ħajjitkom.

Xi wħud minnkom qed tħossu, jew dalwaqt se tħossu, is-sejħa tal-Mulej għall-ħajja miżżewġa, biex tiffurmaw familja. Ħafna nies illum jaħsbu li din il-vokazzjoni hija "antikwata", iżda dan mhux minnu! Għal din ir-raġuni l-komunità ekkleżjali kienet involuta f'perijodu speċjali ta' riflessjoni dwar il-vokazzjoni u l-missjoni tal-familja fil-Knisja u fid-dinja kontemporanja. Jien ukoll nistaqsikom biex tikkunsidraw jekk intomx qed tkunu msejħa għall-ħajja kkonsagrata jew għas-saċerdozju. Kemm hi ħaġa sabiħa li tara żgħażagħ li jħaddnu s-sejħa li jiddedikaw ruħhom bis-sħiħ għal Kristu u għas-servizz tal-Knisja tiegħu! Sfidaw lilkom infuskom, u b'qalb safja tibżgħux minn dak li Alla qed jitlob minnkom! Mill-"iva" tagħkom għas-sejħa tal-Mulej, intom issiru żrieragħ ġodda ta' tama fil-Knisja u fis-soċjetà. Qatt tinsew li: ir-rieda ta' Alla hija l-ferħ tagħna!

Mulej, nixtieq nirringrazzjak ta' tant żgħażagħ

li jwieġbu b'tant ħeġġa u mħabba għas-sejħiet li tagħmlilhom.

Hija tassew ħasra li lanqas biss nindunaw kemm isir ġid fid-dinja miż-żgħażagħ,

iżda mbagħad nisimgħu u niftakru biss

l-affarijiet koroh li jsiru minn żgħażagħ oħrajn.

Mulej, inti ssejjaħ b'ħafna modi,

u f'kull sejħa inti tistenna li aħna ningħataw għall-oħrajn.

Min jingħata fil-familja, min jingħata għall-foqra bħala missjunarju lajk,

min jingħata lilek u lil ħutu bħala reliġjuż jew reliġjuża,

u min jingħata għas-servizz tal-Knisja bħala saċerdot.

Mulej, inti tapprezza t-tweġiba tagħna għas-sejħiet differenti li inti tagħmlilna,

għax għalik kull vokazzjoni hi importanti,

basta li l-għotja tagħna tkun sħiħa u mnebbħa minn valuri sodi.

Matul dan ix-xahar il-Papa jixtieq li nitolbu għall-vokazzjonijiet kollha

Imma, b'mod speċjali, għall-vokazzjoni tas-saċerdozju u għall-ħajja kkonsagrata,

sabiex huma jaqdu lill-komunità

u jkunu xhieda tal-preżenza ta' Kristu fil-komunità.

Nitolbuk Mulej sabiex tgħinhom fil-qadi tagħhom lejn il-proxxmu

u sabiex timliehom bi spirtu ta' servizz ferrieħi u mill-qalb.

Kun magħhom Mulej waqt il-qadi tagħhom

ma' min għandu qalbu mtaqqla, ma' min iħossu waħdu,

ma' min iħossu mhux mifhum jew qed ibati xi inġustizzja.

Fuq kollox, Mulej, imliehom bil-ferħ li inti biss taf tagħti,

ħalli jkunu jistgħu jingħataw għas-servizz tal-oħrajn,

sevizz li jitlob tant impenn u sagrifiċċju.

**KANT**

**Qari** *Mid-diskors tal-Papa Franġsiku lis-seminaristi u n-novizzi fis-sena 2013*

Il-ferħ ta' veru jseħħ ... meta tħoss li int aċċettat, li jifhmuk u jħobbuk ... meta tisma' lil xi ħadd jgħidlek, mhux bil-fors bil-kliem: "Inti importanti għalija."

U huwa dan il-kliem li Alla jgħinna nifhmu.

Meta Alla jsejjaħlek, ikun qed jgħidlek: "Inti importanti għalija, inħobbok, qed norbot fuqek." Ġesù jgħid dan il-kliem lil kull wieħed u waħda minna! Minn hawn jiġi l-ferħ propju, f'dak il-mument li Ġesù ħares lejna. Is-sigriet tal-ferħ tagħna hu meta nifhmu u nisimgħu dan. Li tħossok maħbub minn Alla, li tħoss li għalih aħna m'aħniex numru imma persuni; u li nisimgħuh isejħilna. Li ssir qassis jew issir reliġjuż jew reliġjuża mhijiex primarjament id-deċiżjoni tagħna. Jien ma nadfax lil dak is-seminarista jew lil xi novizza li jgħidu: "Jien għażilt din it-triq". Ma niħux gost nisma' dan! Mhux sewwa! Għax din hi t-tweġiba għal sejħa - is-sejħa għall-imħabba. Nisma' xi ħaġa ġo fija li tmissni u jien inwieġeb "iva". Il-Mulej iġagħalna nħossu din l-imħabba fit-talb, iżda nisimgħuha wkoll f'ħafna sinjali oħra

li nistgħu naraw f'ħajjitna, f'dawk il-ħafna persuni li jlaqqagħna magħhom. Il-ferħ tal-laqgħa tagħna miegħu u tas-sejħa tiegħu ma jwassluniex biex ningħalqu fina nfusna, imma biex ninfetħu; iwassluna biex nagħtu servizz fil-Knisja. ... U l-ferħ jinfirex. Tibżgħux turu l-ferħ li jiġi meta twieġbu għas-sejħa tal-Mulej, mit-tweġiba għall-għażla tiegħu ta' mħabba u mix-xhieda tal-Evanġelju fis-servizz fil-Knisja. U l-ferħ, il-ferħ veru, jittieħed; ... iġagħlek timxi 'l quddiem.

Mulej, nirringrazzjak minn qalbi talli

int lili tgħidli li jien importanti għalik.

Naf li ma jistħoqqlix li inti tgħidli dan il-kliem.

Jiddispjaċini Mulej li ħafna drabi ngħidlek li int importanti għalija,

ngħidlek li jien ma jien xejn mingħajrek,

iżda mbagħad bil-fatti nuri attitudni oħra.

Mhux l-ewwel darba, Mulej, li nwarrbek u noqgħod nhewden fuq elf ħaġa,

imbagħad meta xi ħaġa tmurli żmerċ, nippretendi li int tkun lest,

malajr u bla dewmien, biex tiddrittali dak li għalija jidher imgħawweġ f'ħajti,

jew li lili qed jagħmilni skomdu/a jew qed jinkwetani.

Il-Papa Franġisku qal li l-ferħ li lilna jimliena b'ċertezza f'qalbna

nsibuh biss meta nkunu nafu li aħna maħbubin minnek.

Hu jgħidilna wkoll li nħossu dan il-ferħ fit-talb, fil-persuni li qegħdin madwarna,

u fil-persuni li jidħlu u joħorġu fil-ħajja tagħna.

Fuq kollox insibuh meta aħna ningħataw għas-servizz tal-oħrajn

fil-familji tagħna, fuq il-post tax-xogħol, fil-ħajja tagħna ta' kuljum.

Inti tridna nwieġbu għal din s-sejħa tal-imħabba, tkun xi tkun il-vokazzjoni tagħna.

Nitolbuk għalhekk, Mulej, biex fil-familji tagħna u fis-soċjetà tagħna jerġa' jikber is-sens t'impenn u biex tissaħħaħ il-fidi tagħna fik.

Għin liż-żgħażagħ tagħna biex ma jibżgħux jikkommettu ruħhom, u li huma jwieġbu għall-vokazzjoni fil-ħajja tagħhom.

**KANT**

**Nitolbu flimkien**

Mulej, nitolbu biex iż-żgħażagħ iwieġbu b'ġenerożità għas-sejħiet tagħhom u jikkunsidraw bis-serjetà li joffru lilhom infushom lilek fis-saċerdozju u fil-ħajja kkonsagrata.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej

Mulej, nitolbu biex iż-żgħażagħ li jwieġbu għas-sejħa tas-saċerdozju u għall-ħajja kkonsagrata, iħossu l-ferħ li ġej meta huma jingħataw lilek għas-servizz tal-oħrajn, ħalli b'hekk huma jgħixu bil-ferħ il-vokazzjoni tagħhom.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Mulej, nitolbu għalina lkoll biex il-ferħ tal-laqgħa tagħna miegħek u tat-tweġiba għas-sejħa tagħna, ma jwassluniex biex ningħalqu fina nfusna, imma biex ninfetħu għall-oħrajn.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Mulej, nitolbu biex il-familji tagħna jkunu l-post fejn iż-żgħażagħ tagħna jitgħallmu xi tfisser li tingħata lill-oħrajn b'dedikazzjoni u impenn, kif ukoll jagħrfu l-importanza tiegħek f'ħajjitna.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

**KANT**